SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan**

**Laqgħa Nru. 33/K8/17**

Data tal-laqgħa: 07 ta' Lulju 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana -Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) – (1)**

Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier (Inc. 4162/17)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

33.1.01 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy talab li jkun skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. (Inc. 4162/17)

33.1.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

33.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 31/K8/17 għall-approvazzjoni.

33.2.02 Wara li saret korrezzjoni fil-minuti, kien hem qbil u l-Minuti ġew approvati kif ġew korretti.

33.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 31/K8/17.

33.2.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

33.2.05 Iċ-Ċermen ressaq l-Minuti 32/K8/17 għall-approvazzjoni.

33.2.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 32/K8/17.

33.2.07 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

33.2.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

33.2.09 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-Minuti.

**33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

33.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li min-naħa tal-Go qed jgħaddu xi cables ġewwa l-lokalita' huwa mar mal-Perit ħa r-ritratti, biex min-naħa tal-GO jiġu rranġati l-bankini kif inhu oriġinarjament.

33.3.02 Tqajjem il-punt fir-rigward il-kors tar-*robotics* li kellu jsir, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dan mhux ser isir.

33.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-flus pendenti li kien hemm fir-rigward iċ-ċitazzjonijiet qabel ma saru ir-reġjun, sallum inġabar l-ammont ta €36,000.

33.3.04 Għandha tintbagħat reminder talba lit-Transport Malta sabiex il-biċċa il-ġdida ta' Triq Patrick Brydone issir minħabba li din għadha bla tarmac u hemmhekk hemm ir-residenti.

33.3.05 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand is-Sur Joe Fenech Soler sabiex isiru bins b'xejn madwar il-promanade u postijiet oħra, wara diskussjoni qasira gie deciz li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

33.3.06 Il-Kapillan Fr. Claude Portelli talab li jinzebagħ il-pont ta' ħdejn il-Knisja, wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

33.3.07 Ser issir laqgħa ma' Wilson Mifsud ta' WM Environmental Limited, il-kuntrattur tal-*Parks and Gardens* sabiex niddiskutu miegħu l-addament tal-kuntratt. Għal din il-laqgha ġew mistiedna l-Kunsilliera kollha.

33.3.08 Iċ-Ċermen qal li daħħalna l-applikazzjoni għand l-ERA dwar it-taraġ fi Triq il-Monsteru.

33.3.09 Wara suġġeriment li kellna minn volontuniera li jieħdu ħsieb ix-xelter flimkien mal-Kunsillier John Agius ġie deċiż li ssir attivita' komemorattiva li tfakkar il-mejtin tal-gwerra li mietu f' San Ġiljan. Kien hemm qbil li din l-attivita' li tikkonsisti f'quddiesa segwita minn bibita' għandha ssir fil-Knisja ta' Lapsi nhar is-Sibt 26 ta' Awwissu 2017 fl-10.00a.m. Għal dan l-għan għandha tinkiteb ittra lill-Kappillan Fr. Claude Portelli.

33.3.10 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand is-Sur Phillip Mifsud f'isem Ozone Limited sabiex jitwaħħlu wifi points f'postijiet pubbliċi. Wara diskussjoni qasira, kien hem qbil li jintalbu kjarifikazzjonijiet fuq il-proposta tiegħu.

33.3.11 Iċ-Ċermen informa li s-Sur Cleavon Vella mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab li ssir laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiġi diskussa t-talba tagħna għad-devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola. Il-Kunsill ġie infurmat li l-laqgħa ser issir nhar l-Erbgħa 12 ta' Lulju 2017.

33.3.12 Il-Kunsilliera Rita Dimech Porteli ġibdet l-attenzjoni sabiex isir control treatment minħabba li fil-Pjazza tal-Balluta qed ikun hemm ħafna wirdien speċjalment bħalissa fil-perjodu tas-sajf.

**33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

33.4.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li illum saret laqgħa mat-Transport Malta fejn ġew diskussi l-*issues* li kien hemm pendenti dwar Paceville. Għandha tinġib stima mingħand il-kuntrattur tas-sinjali u linji tat-toroq sabiex issir zebra crossing bil-*concrete blocks*.

33.4.02 Għandha tintbagħat ittra lill-Pulizija minħabba li f' St. Julians Court faccata ta' Wales Pharmacy fi Triq is-Sur Fons kantuniera ma' Triq Manwel Dimech hemm galarija li hi perikoluza.

33.4.03 Għandha tintbagħat ittra lill-Mr. Silvio Parnis dwar it-talba tagħna dwar il-*leasing period* tal-Kumpless Dun Anton Sciberras, kopja ta' l-ittra għandha tintbagħat ukoll lill-Onor. Dr. Ian Borg.

33.4.04 Il-Kunsillier John Agius ġibet l-attenzjoni li n-naħa ta' isfel ta' Triq Lapsi u ħdejn il-Banif Bank għandha bżonn *scarifying*.

**33.5 Preparazzjoni għall-festi tal-Lokalita'**

33.5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-permessi tal-festa tal-Balluta bdew jinħarġu. Għad hemm xi problemi ta' allokazzjoni ta' ċertu *kiosks*.

**33.6 Mozzjoni dwar attivitajiet ta' massa**

33.6.01 Iċ-Ċermen ressaq mozzjoni dwar l-attivitajiet ta' massa li kienet ġiet ippreżentata mill-Kunsillier Martin John Sultana hekk kif din ġiet emendata f' laqgħa li saret bejn il-Kunsilliera. Il-mozzjoni tressqet għall-approvazzjoni u din ġiet approvata kif emendata.

**33.7 Talbiet żgħar**

**33.7.01 Residential Parking fi Triq Alfred Gauci (Inc. 1922/17)**

**33.7.01.01** Saret riferenza għall-proposta tal-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg li kien qiegħed iressaq talba f'isem ir-residenti sabiex isir *residential parking* fi Triq Alfred Gauci, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din it-talba tintbagħat lit-Transport Malta.

**33.7.02 Diskussjoni dwar imwejjed u siġġijiet. (Inc. 2024/17)**

33.7.02.01 Saret diskussjoni fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg, saret diskussjoni dwar l-allokazzjoni ta' imwejjed u siggijiet fuq il-bankini u postijiet pubbliċi. Wara diskussjoni kien

hemm qbil li nistiednu għal-laqgħa fuq dan is-suġġett, il-Kunsilli Lokali ta' Swieqi, Sliema u Gzira.

**33.7.04 Talba mingħand ir-Ryan's Pub għar-rifużjoni ta' €100. (Inc. 3604/17)**

33.7.04.01 Saret riferenza għat-talba mingħand ir-Ryan's Pub għar-rifużjoni ta' €100. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tingħata ir-rifuzjoni.

**33.7.05 Korrispondenza dwar *Open Call for Proposals for Town Twining and Network of Towns Projects* (Inc. 3697 & Inc. 3919/17)**

33.7.05.01 Saret riferenza għall-korrispondenza dwar Open Call for Proposals for Town Twining and Network of Towns Projects. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li b'riferenza għall-din l-applikazzjoni kellna ninsistu mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-talba tagħna ta' ġemellaġġ ma' Kunszentmiklos.

**33.7.07 Email mingħand l-Onorevoli Robert Cutajar (Inc. 3960/17)**

33.7.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Onorevoli Robert Cutajar dwar il-ħatra tiegħu bħala kelliem ta' l-opożizzjoni dwar il-Kunsilli Lokali u kien hemm qbil li naċċettaw it-talba tiegħu għal-laqgħa.

**33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

33.8.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 28/KA2/17 u Minuti 29/KA2/17 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Paceville.

33.8.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament ma' l-approvazzjoni tagħhom.

**33.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti;**

33.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'A')

33.9.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

33.9.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondaha.

**33.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

33.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4197 sa 4214.

33.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**33.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

33.11.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgha 19 ta' Lulju 2017 fl-4.00p.m.

33.11.02 Il-laqgha ntemmet fis-7.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 19 ta' Lulju 2017